MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 296/2005/1

**Rita Bihiga**

**vs**

**Adrian Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Jannar 2005 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar it-18 ta' Dicembru 2004 gewwa B'Kara.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attrici qed titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rapprezentanti spejjez a kawza tal-kollizjoni li sehhet fit-18 ta' Dicembru 2004 fi Triq Fleur De Lys Birkirkara bejn il-vettura Alfa Romeo IAS 482 misjuqa mill-konvenut u l-vettura ta' l-attrici Maruti BAO 872, liema incident sehh minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fil-mertu u dan stante li l-incident de quo gie kagunat tort uniku ta' l-istess attrici kif se jkun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizjoni sehhet fi Triq Fleur De Lys. Il-versjonijiet huma t-tnejn differenti anchor che jirrizulta li kien hemm zewg passiggieri fl-istess vettura. L-attrici tallega illi filwaqt li kienet miexja dritta, tqassam il-gazzetti u tieqaf ma kull hanut tal-klienti taghha, gie l-konvenut minn wara, dahal go fiha u kaxkara. Ovvjament da parti tieghu l-konvenut jghid illi waqt li kien miexi, ra l-karozza attrici pparkjata fuq double parked u fil-mument li kien qed jaqbiza, dina kisritlu u saret il-habta.

Illi mhux kontestat fejn saret id-daqqa, pero` huwa kontestat il-mekkanika ta' kif issuccediet ovvjament il-habta. F'dawk il-mumenti l-attrici kienet qed ssuq biex tbiegh il-gazzetti, tieqaf u taqla u terga tieqaf. Il-konvenut ra quddiemu, ra fuq il-lane taghha ghalkemm double lane parked u gie biex jaqbiza minn barra. F'dak il-mument

huwa jallega li dina kisret. L-attrici tallega li ma kellhiex ghalfejn tikser biex tmur lejn Borg Street ghax il-klienti taghha kienu aktar l-isfel. Pero` t-Tribunal huwa tal-fehma li anchor che kienet qed issuq fid-dritt on and off, kull darba li tigi biex taqla mill-parked position, vettura ta' bilfors tigbed kemm kemm il-barra lejn il-lemin biex tkun tista tevita l-karozzi li jkunu pparkjati fuq ix-xellug. F'dan il-mument illi t-Tribunal jikkontendi anzi huwa tal-fehma illi saret il-habta ghaliex dan huwa suffragat mid-daqqa fejn kienet. Jigi ribadit illi d-daqqa fuq il-vettura konvenuta kienet fuq quddiem fuq ix-xellug, mentri dik id-daqqa fuq il-vettura attrici kienet min-nofs fejn il-lemin. Wiehed jirraguna illi, meta vettura qed taqbez ohra izomm il-barra minnha biex tevitaha u tibqa sejra fit-triq taghha. L-angolu tad-daqqa kien dritt ghal vettura konvenuta, pero` ghal vettura attrici kien angolat. Jekk il-lemin. Di fatti d-daqqa giet moghtija fuq in-nofs. Sabiex issir dik id-daqqa fuq il-vettura attrici bilfors li l-istess vettura kienet angolata fuq il-lemin u kienet angulata. Jekk titwemmen u ma kellhiex ghalfejn tikser fuq il-lemin biex tidhol go Borg Street, almenu kienet angolata biex taqla first, second u taqla l-barra biex ma titholx fil-vetturi tal-gnub u ma ssuqx nkaxxata maghhom. U kien f'dak il-mument propizju li ntlaqtet mill-vettura konvenuta.

Vera li ma ta l-ebda avviz li qed jaghmel is-sorpass il-konvenut, pero` jigi ribadit illi huwa ra l-vettura wieqfa fuq double lane u allura ma kienx hemm dik in-necessita, pero` l-istess attrici qatt ma kkonfermat illi waqt li kienet qed taqla xeghlet l-indicator u taghti avviz lil ta warajha illi hija kienet ser tinghaqad mal-flow of traffic fid-direzzjoni taghha.

Jiddeciedi t-Tribunal illi ghal istess kollizjoni kienet unikament responsabbli l-istess attrici u ma jirraviza xejn fl-operat fis-sewqan tal-konvenut li bih wiehed jista jzommu responsabbli u/jew almenu jikkontribwixxi ghal istess kollizjoni.

Jiddeciedi ghalhekk billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici u c-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-attrici tqanqal b' obbjezzjoni kontra din is-sentenza illi t-Tribunal injora l-provi rizultanti minn xhieda u dokumenti u b' hekk mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita`;

Minn din l-obbjezzjoni hu evidenti illi l-appellanti qed tiffonda l-appell introdott minnha fuq il-provvediment ta' l-Artikolu 8 (2) (d) ta' l-Att V ta' l-1995 li jaghti dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal "meta t-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita` u ta' ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat l-jeddijiet ta' min jappella";

F' dan il-kaz l-imparzjalita` hi indubbjament skontata tant li l-appellanti ma avvanzat ebda lamentela fir-rigward. Jokkorri ghalhekk li jigi ezaminat u determinat jekk is-sentenza tiddifettax mil-lat tad-dritt ekwitativ;

Fl-ewwel lok jinhass xieraq li jigi ripetut illi "l-kuncett ta' l-ekwita` jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b' riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b' mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti". Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Paul Portelli -vs- Paula Buttigieg**", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju 2006. Gudizzju dan li jimplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-*summum jus* in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt u ghaldaqstant hu jista' jirrikorri ghall-principju ta' dik il-prudenza u ta' l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni;

Dan premess, l-appellanti ticcensura lit-Tribunal bl-addebitu li dan injora x-xhieda taghha u dik ta' Gertrude Mupimihzi, li kienet passigiera fil-vettura misjuqa minnha,

id-dikjarazzjoni *a tempo debito* tal-konvenut kif riportata fit-Traffic Accident Report u l-indikatur ta' *speed* qawwi li jaghmlu l-*brakemarks* wara l-vettura ta' l-istess konvenut. Hi tissokta tikkontendi illi l-evalwazzjoni tat-Tribunal hi nieqsa minn apprezzament xieraq tal-fatti u tal-kunsiderazzjonijiet tad-dritt applikabbli;

Biex taffronta sew dan l-aggravju din il-Qorti analizzat bir-reqqa kemm is-sentenza appellata kif ukoll l-atti istruttorji tal-kawza u ghalhekk ser tghaddi biex taghmel dawn ir-riflessjonijiet:

(i) Ibda biex, il-konsiderazzjoni li ghamel it-Tribunal kien limitat ghall-fatti in kawza u, in partikolari, ghar-rikostruzzjoni minnu tad-dinamika ta' l-incident;

(ii) Mill-komparizzjoni tieghu tal-versjonijiet kontrastanti tal-partijiet, u skond il-kriterji generali tac-certezza morali, hu sab li dik rakkontata mill-konvenut appellat dwar kif sehh l-incident kienet aktar verosimili u attendibbli;

(iii) Innegabilment, it-Tribunal kien f' qaghda li jaghmel gudizzju biex ahjar japprezza x' kienu l-elementi fattwali illi wasluh ghall-konvinciment illi ghall-iskontru bejn iz-zewg vetturi kienet unikament fi htija l-attrici appellanti. Gudizzju dan li jkollu jinghad dwaru li, fuq ir-ri-valutazzjoni tal-provi minn din il-Qorti, ma jistax jinghad li hu vizzjat fil-motivazzjoni tieghu u ta' dak il-procediment logiku-intwittiv, normalment segwit bir-regola ekwitativa;

(iv) Strettament, minn dak kaptat minn ezami tas-sentenza appellata, il-materja li dwarha ddelibera t-Tribunal kienet wahda essenzjalment ta' fatt u fiha nnifisha ma kienet timporta ebda gudizzju tad-dritt ekwitativ. Ara f' dan il-kuntest id-decizjoni ta' din il-Qorti in re "**Oscar Gatt -vs- Silvio Brincat**", 12 ta' Jannar 2001 per l-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino u l-kunsiderazzjonijiet zvolti fiha, trattasi wkoll ta' reklam ghal danni f' incident awtomobilistiku;

(v) Bil-konoxxenza shiha tal-fatti, gudizzju bhal dan, li fih ma gie espress ebda kuncett ta' ekwita` imma mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal-Kapitolu 380 ghad-dritt ta' l-appell quddiemha. Ara "**John Attard -vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju 2001. F' kull kaz jista' jizdied illi anke jekk vizwalizzata mill-ottika ta' l-ekwita` is-sentenza ma tippekkax;

(vi) Dan qed jigi hekk ritenut in kwantu l-apprezzament mit-Tribunal tal-fatti kien sew indirizzat. M' hemmx kwestjoni li l-konvenut kien intitolat jaghmel il-manuvra tas-sorpass la ma kienx hemm ostakoli quddiemu. Lanqas ma jidher li jista' jigi kuntrastat illi mill-mod tad-daqqiet fuq il-vetturi rispettivi dik ta' l-attrici appellanti kienet fil-mument prossimu ta' l-iskontru xi ftit angolata. Manuvra bhal din li ssehh *ex abrupto* fil-waqt tas-sorpass, u specjalment meta, bhal f' dan il-kaz, l-attrici kienet hierga minn posizzjoni ta' parkegg kienet tinnecissita li hi taghti sinjal tempestiv permezz ta' l-*indicator* li tkun ser issuq u tidhol fil-*flow of traffic*. Anke minn dawn il-ftit elementi l-Qorti hi wkoll tal-fehma illi l-kawza prossima tal-habta kienet din il-manuvra mprudenti ta' l-appellanti li naqset li taccerta ruhha illi hi setghet taghmilha minghjar perikolu ghat-traffiku ta' warajha jew tal-vettura sorpassanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez kontra l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------